# Kitbiet Awtobijografiċi

BEJN ĦALTEJN

Ina Cutajar

# Kitbiet Awtobijografiċi





- Għalkemm awtur jew poeta jista' jkun impersonali, jikteb fit-tielet persuna jew fil-vesti ta' xi ħlejqa oħra, imma dejjem hemm element awtobijografiku f'kull kitba, għax awtur dejjem se jħalli l-viżjoni tiegħu impressa f'kull kelma li jikteb.



## Lill-Qamar Kwinta

- Rena Balzan, tistqarr imħabbitha lejn il-qamar, imċajpra min-nebħa li  l-qamar ma jiddix minn jeddu u li s-seħer tiegħu misluf mix-xemx.

  Hija poeżija b'element infantili.

## Żagħżugħ ta' Dejjem

- Dun Karm qed jesprimi l-kriżi tax-xjuħija u l-għira/ammirazzjoni tiegħu lejn il-baħar bħala l-uniku element naturali li ma jixjieħ qatt.

# Niftakar



***Niftakar*** hija l-għanja ta' qsim il-qalb tal-poeta li difen lil martu.

Fil-memorja tiegħu jeżistu, b'mod parallel, l-isbaħ u l-ikrah jum ta' ħajtu, żewġ avvenimenti li aktarx saru fl-istess knisja u attendew għalihom l-istess nies.

Jispikka paralleliżmu fl-aqwa tiegħu.

# Geraldine



Trevor Zahra jikteb fl-ewwel persuna dwar l-ewwel imħabba ‘pprojbita’ fil-jiem bikrin tal-iskola.

Jispikka l-umoriżmu ironiku, stil ta’ Zahra, f’kuntest ta’ innoċenza u biża’ mill-awtorità – il-Kap tal-Iskola u l-familja estiża, bin-nanniet u z-zijiet.

# Bank

Frans Sammut jikteb fl-ewwel persuna.

In-narrattiva ta' għalliem fi skola Primarja f'raħal Malti ta' żmien l-imgħoddi.

Dan narawh mid-deskrizzjoni tal-ambjent skolastiku, li jinkludi deskrizzjoni ta' stil ta' bankijiet qodma li spiraw it-titlu tan-novella.

Madankollu n-narratur jieħu rwol sekondarju fir-rakkont.



# Jum San Valentin

Poeżija mimlija korla lejn il-maħbub, ironikament miktuba f'jum il-maħbubin.

Hi l-oppost ta' x'wieħed jistenna f'dan il-jum.

Bl-użu ta' metafora ballistika l-poeta tesprimi korla intensa.

Il-poeżija tintemm b'volta ironika. Il-korla tinbidel f'tama li r-relazzjoni terġa' tiġġedded.



# Jien



Hija tentattiv ta' poeta li jifhem lilu nnifsu f'poeżija għal kollox eżistenzjalista. Il-konklużjoni ma kinetx dikjarazzjoni iżda mistoqsija rettorika mhux konklussiva.

# B’Idejna



Poeżija awtobijografika li tesprimi l-kriżi fis-sens ta’ identità nazzjonali tal-poeta. Din il-kriżi, il-poeta jestendiha għall-poplu Malti kollu : “B’idej*na*”.

Din il-kriżi tilħaq il-kulminu tagħha waqt il-kant tal-Innu Malti fejn kull ċittadin jesprimi l-akbar sentimenti patrijottiċi.